**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 2 ta' Frar, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**Vs**

**JERVIS GALEA**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Jervis Galea**, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru **0336789M**

U nakkużah talli nhar l-ewwel (1) ta' Frar, 2020, għall-ħabta ta' l-erbgħa ta' filgħodu (0400hrs) ġewwa l-għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan, fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan, bħala uffiċċjal pubbliku li kellu jissorvelja li ma jsirx reat jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir reat:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-**kuntistabbli 803 Andrew Pullicino** f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa;

*Art. 141, 214, 215 u 221 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. Inġurja, heddhed, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
   *Art. 95 u 141 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. Ħebb kontra il-**kuntistabbli 803 Andrew Pullicino** sabiex jinġurjah, idejjqu jew jgħamillu ħsara;
   *Art. 339 (1) (d) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. Għamel lil PC 803 inġurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
   *Art. 339 (1) (e) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Kif ukoll nakkużaħ talli fl-istess jum, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (0130hrs) u l-ħinijiet ta' qabel ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan bħala uffiċċjal pubbliku li kellu jissorvelja li ma jsirx reat jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir reat:

5. Inġurja, heddhed, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
   *Art. 95 u 141 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
6. Għamel lil PC 680 u PC 225 inġurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
   *Art. 339 (1) (e) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħdu ħsieb tiegħu inniffsu;
   *Art. 338(ff) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

*Art. 338 (dd) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-**kuntistabbli 803 Andrew Pullicino u l-Pulizija kollha nvoluti**, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex toħroġ ordni ta' trattament fil-konfront ta' Jervis Galea u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta tal-vittmi.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali mahrug illum stess 2 ta' Frar, 2020;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Ghall-finijiet tal-piena jew ta` l-ahjar sanzjoni indikata, l-Qorti qed tikkonsidra fuq kollox l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li l-imputat deher inklinat li jiehu l-ghajnuna li ghandu bzonn partikularment fejn tidhol il-kwistjoni tal-konsum tal-alkohol.

Waqt is-sottomissjonijiet finali taghhom, il-Qorti nnotat li kemm id-difiza kif ukoll il-prosekuzzjoni kienu qed jindikaw lill-Qorti li l-imputat ghandu bzonn min jidderigieh u ghandu bzonn ikun sorveljat u li ghalhekk il-Qorti giet mistiedna tikkonsidra s-sanzjonijiet ikkontemplati fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena jew sanzjoni li l-Qorti sejra tinfliggi.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` l-imputat, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Decide;**

**GHAL-MOTTIVI PREMESSI IL-QORTI, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 95, 141, 214, 215, 221(1), 338(ff)(dd), 339(1)(d)(e), 383, 384, 385, 412C, 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil Jervis Galea, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tordna li Jervis Galea jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal-zmien tlett (3) snin ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta,**

**taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation*, bil-kundizzjonjiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.**

**Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-importanza ta' din l-ordni u wissietu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.**

**Tikkundannah ukoll ghall-hlas ta' multa ta' elfejn ewro (€2000).**

**Il-Qorti tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur *Probation and Parole*.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur